MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 645/2005

**WALLA MARITIME LTD.**

**vs**

**Joseph SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat fil-5 ta’ Lulju 2005 li bih is-soċjeta’ attriċi wara li ppremettiet;

Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u tmienja u erbgħin Lira (Lm6,648) rappreżentanti bilanċ ta’ *charter fees* dovuti lis-soċjeta’ attriċi fuq il-bastiment MV Alevok;

Illi l-konvenut dejjem iwiegħed li se jħallas dan l-ammont iżda xorta waħda baqa’ ma ħallasx;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet biex il-konvenut iħallas dan l-ammont, baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi;

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sitt elef, sitt mija u tmienja u erbgħin Lira (Lm6,648) għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut magħmula waqt is-smigħ tal-lum li biha ammetta it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------